yoUthIES

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

Erasmus+

# Pakkett ta' Taħriġ għal Persuni li Jaħdmu maż-Żgħażagħ

## Modulu: Interventi bbażati fil-komunità

WERREJ


1. INTRODUZZJONI
2. OBJETTIVI TA' TAGĦLIM
3. REFERENZI GĦAL POLITIKI TAL-UE
4. L-I KAPITLU: Introduzzjoni għal Interventi Bbażati fil-Komunità
5. It-II KAPITLU: L-Ippjanar u l-Implimentazzjoni ta' Interventi Bbażati fil-Komunità
6. It-III KAPITLU: Approċċi u Mudelli għal Interventi Bbażati fil-Komunità
7. STUDJI TA' KAŻIJIET (EŻEMPJI TA' PRATTIĊI TAJBA)
8. SOMMARJU/KONKLUŻJONIJIET
9. REFERENZI



iED Institute of Entrepreneurship Development

RESET

réseau tandemplus

## 1. INTRODUZZJONI



"*Waħidna, nistgħu nagħmlu biss ftit; flimkien, nistgħu nagħmlu ħafna*".
Hellen Keller

Jekk jimpurtak mill-komunità tiegħek u temmen li individwi jistgħu jrawwmu bidla soċjali meta jaħdmu flimkien iżda għadek taħseb kif tista' tagħmel xi ħaġa fil-prattika, mela dan il-modulu se jiggwidak f'din it-triq! Jekk l-għan aħħari tiegħek huwa li tagħti kontribut pożittiv lill-benesseri tal-komunità tiegħek, mela hawn se ssib ħafna informazzjoni u modijiet kif tistimula lilek innifsek u timmotiva lil oħrajn biex jingħaqdu miegħek. Billi taqra dan il-modulu, int se tiskopri li l-element kruċjali tal-bidla soċjali qiegħed fil-qalba tal-komunità u billi tisfrutta l-assi u r-riżorsi, u li b'dan fl-aħħar isseħħ it-trasformazzjoni.

F'dan il-modulu aħna se nesploraw metodi kollaborattivi bbażati fuq il-komunità li se jikkontribwixxu biex jirriżolvu kwistjonijiet rikorrenti, sija dawk sempliċi u sija dawk ta' sfida, li jxekklu t-tkabbir u l-iżvilupp tal-komunità. L-interventi komunitarji joħorġu bħala importanti u aktar effettivi biex itejbu l-kwalità tal-ħajja tal-komunità għaliex il-prinċipju maġġuri tagħhom hu li jassenjaw rwol mexxej attiv lill-membri tal-komunità nfushom. Huma jirrikonoxxu wkoll is-saħħa u l-kapaċitajiet tal-individwi u permezz ta' azzjonijiet konġunti jistgħu jakkwistaw ir-riżultati mixtieqa.

Rwol importanti wkoll hu assenjat lil persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, li għandhom l-abbiltà li jinizjaw u jiggwidaw dawn l-interventi bħala punti ta' konnessjoni bejn iż-żgħażagħ u l-komunità. Il-persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ jistgħu jgħinu liż-żgħażagħ jiżviluppaw soft skills u jinkuraġġuhom biex jipparteċipaw f'attivitajiet li jibbenefikaw lill-komunità. Iż-żgħażagħ jistgħu jiffunzjonaw bħala aġenti ta' bidla għaliex dawn jistgħu jimplimentaw il-prinċipji u l-prattiċi tal-interventi bbażati fil-komunità sabiex jirrisolvu l-kwistjonijiet li direttament jaffetwawhom.

Matul dan il-modulu, l-importanza ta' komunitajiet magħquda fir-riżoluzzjoni tal-problemi se tiġi indikata, ladarba ovvjament dawn jidentifikaw u jirrikonoxxu r-riżorsi tagħhom li se jiġu użati biex jindirizzaw il-kwistjonijiet tagħhom. Azzjonijiet parteċipatorja u inizjattivi komprensivi huma fil-qofol tas-soċjetà demokratika, u jiddefendu u jiġġieldu għall-ġustizzja soċjali u l-ewkità, u b'hekk jimmiraw lejn l-iżvilupp u l-prosperità.

## 2. OBJETTIVI TA' TAGĦLIM

Sal-aħħar ta' dan il-modulu, persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ se jkunu kapaċi:

- Jiddeskrivu l-kunċett ta' interventi bbażati fil-komunità.
- Jirrikonoxxu l-impatt ta' programmi ta' interventi bbażati fil-komunità.
- Jifhmu l-irwol importanti tal-komunitajiet fir-riżoluzzjonijiet tal-problemi.
- Jitgħallmu biex jevalwaw il-bżonnijiet tal-komunità.
- Jiddisinjaw pjan t'azzjoni għal intervent li jsegwi struzzjonijiet pass b'pass.
- Jifhmu l-importanza biex jimmobilizzaw ir-riżorsi u l-isħubijiet tal-komunità.
- Jiddefinixxu l-Iżvilupp tal-Komunità Bbażat fuq l-Assi.
- Japplikaw Riċerka ta' Azzjoni Parteċipatorja.
- Jifhmu l-benefiċċji ta' inizjattivi ta' impatt kollettiv.

## 3. REFERENZI GĦAL POLITIKI TAL-UE

- Il-Fond Soċjali Ewropew (ESF) – Il-Fond Soċjali Ewropew huwa wieħed mill-fondi strutturali tal-UE mmirat lejn il-promozzjoni tal-impjiegi, tat-titjib tal-inklużjoni soċjali, u tat-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema.

- Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) – L-ERDF jimmira li jappoġġja proġetti ta' żvilupp reġjonali madwar l-UE, u b'hekk irawwem tkabbir ekonomiku, ħolqien t'impjiegi, u titjib fl-infrastruttura.

- Il-Ftehim Aħdar Ewropew – Din l-istrateġija komprensiva tal-UE tiffoka fuq l-akkwist tan-netwralità tal-klima u l-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli. Interventi bbażati fil-komunità relatati mas-sostenibbiltà ambjentali, enerġija rinnovabbli, tnaqqis fl-iskart, u l-konservazzjoni tal-bijodiversità jirreżonaw mal-għanijiet indikati fil-Ftehim Aħdar Ewropew.

- L-Ewropa Orrizont – Il-programm ewlieni ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE, l-Ewropa Orizzont jappoġġja diversi inizjattivi mmirati lejn l-indirizzar ta' sfidi soċjali, jippromwovi l-innovazzjoni, u javvanza r-riċerka xjentifika.

- Il-Programm Erasmus+ - Dan il-programm tal-UE jappoġġja l-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ, u l-isport. Interventi bbażati fil-komunità jiffukaw fuq programmi edukazzjonali, taħriġ vokazzjonali, żvilupp taż-żgħażagħ, u skambju kulturali li jista' jallinja mal-prijoritajiet tal-Ersamus+.

# 4. L-1 KAPITLU: Introduzzjoni għal Interventi Bbażati fil-Komunità

## 4.1. Id-Definizzjoni ta' Interventi Bbażati fil-Komunità

Interventi bbażati fil-komunità jirreferu għal programmi u inizjattivi bil-mira li jindirizzaw problemi perennjali fost komunità lokali identifikata. Dawn jistgħu jservu diversi skopijiet u, meta ppjanati u implimentati kif suppost, jistgħu jipprevenu u jnaqqsu l-fatturi kumplessi soċjali, ekonomiċi, u ambjentali li jikkawżaw disfunzjoni fost il-popolazzjoni indikata. L-interventi huma ddisinjati biex jużaw programmi, politiki, jew strateġiji biex iwettqu l-għanijiet tagħhom u huma normalment ibbażati fuq xogħol kollaborattiv, primarjament permezz tal-involviment ta' membri tal-komunità fil-proċess. Dawn kapaċi jinkludu programmi edukazzjonali għall-ġenituri, programmi li jiffukaw fuq saħħa, edukazzjoni, u prevenzjoni, kif ukoll programmi li jiffukaw fuq l-iżvilupp ekonomiku u soċjali. F'każijiet ta' eżekuzzjoni effettiva ta' intervenzjoni, il-komunità tista' tibbenefika mit-titjib tal-benesseri tar-residenti. Per eżempju, interventi jistgħu jakkwistaw riżultati sostenibbi li jdumu jrendu l-effetti tagħhom fit-tul kif ukoll bidliet soċjali, anke wara t-tlestija tal-programm. Dawn jistgħu jaħdmu bħala riżorsa biex jisfruttaw dejta dwar in-natura tal-komunità u l-bżonnijiet tagħha u jiggwidaw inizjattivi ta' programmi futuri. Aktar importanti minn hekk, dawn jistgħu jużaw bidliet fil-politiki favur il-komunità, filwaqt li simultanjament isalvaw ħajjet individwi.



Image by <a href="https://www.freepik.com/free-photo/networking-concept-still-life-arrangement_16234403.htm#query=community&position=8&from_view=search&track=sph">Freepik</a>

Interventi bbażati fil-komunità għaldaqstant huma proċess dinamiku li jimmira lejn il-progress komunitarju. Dawn l-interventi jiġu fis-seħħ hekk kif membri tal-komunità jistabbilixxu viżjoni u objettivi komuni, li jwasslu għal pjan ta' azzjoni biex jindirizza l-bżonnijiet tagħhom. L-iżvilupp ta' ambjent b'saħħtu lokali fil-komunità lokali jirrikjedi ppjanar u implimentazzjoni fit-tul. Dawn il-bidliet mhux isiru biss lokalment, iżda jaffettwaw lis-soċjetà, l-ekonomija, u l-kultura, u għaldaqstant joħolqu ambjent varjat. Opportunitajiet jimmanifestaw ruħhom għal individwi biex isaħħu l-ħiliet soċjali tagħhom, biex b'hekk itejbu l-benesseri tagħhom u jissaħħu. F'dan il-qafas ta' intervenzjoni, membri tal-komunità ma jiġux trattati bħala oġġetti jew sempliċiment utenti, iżda bħala sħab attivi fl-immaniġġjar tal-ħajja soċjali tagħhom u l-proċess tal-iżvilupp tagħhom; huma jirrikonoxxu l-bżonnijiet u l-problemi tagħhom, huma jiżviluppaw ħiliet u jakkwistaw kontroll fuq il-bidliet billi jinfurzaw l-awtonomija tagħhom u l-operat demokratiku tal-komunità. Membri tal-komunità jistgħu jiffurmaw gruppi ta' pressjoni li jistgħu jagħmlu t-talba għal benefiċċji u servizzi mill-istat, filwaqt li jipproteġu u jisfruttaw ir-riżorsi tagħhom għall-bidla soċjali.

## 4.2 L-Irwol tal-Komunitajiet biex Jissolvew il-Problemi

L-evoluzzjoni umana hija direttament imwaħħda mal-kunċett tal-komunità. Il-komunitajiet inizjalment ġew iffurmati biex jindirizzaw diversi kwistjonijiet ta' sopravivenza u aktar tard evolvew permezz ta' kollaborazzjoni u għajnuna komuni. Il-komunitajiet primarjament jirreferu għal sit ġeografiku, post fejn grupp ta' nies jgħixu, iżda wkoll għall-ambjent bħala l-ġenesi ta' ideat u prattiċi ġodda. Illum il-ġurnata l-lokalità mhijiex il-bażi esklussiva tal-karatteristika bażika tal-komunità, iżda l-orjentazzjonijiet politiċi, professjonali, ideoloġiċi, jew kulturali jistgħu jaħdmu bħala kriterji għall-formazzjoni tal-komunità. L-irwol tal-komunità matul iż-żmien sar kruċjali għaliex dan jikkontribwixxi għal diversi oqsma, bħall-edukazzjoni, is-saħħa, il-kultura, eċċ; il-komunità hija l-forza mexxejja wara l-iżvilupp soċjali. Is-sens ta' appartenenza u r-rabta bejn il-membri, is-solidarjetà u d-dinamika ta' relazzjonijiet ta' appoġġ komuni huma dimensjonijiet bażiċi f'dan il-kunċett ta' komunità. Il-komunitajiet funzjonali jikkontribwixxu sinifikament għal kwalità tal-aħjja u jistgħu jkunu karatterizzati bħala sostenibbli u effettivi f'termini tal-għanijiet li jpoġġu fil-mira tagħhom.

Għal intervent komunitarju ta' suċċess, l-użu ta' metodi parteċipatorji huwa kkunsidrat bħala komponent vitali. L-użu tat-terminu parteċipatorju jimplika li l-partijiet konċernati kollha huma involuti b'mod li jistgħu ssemmgħu leħinhom, jesprimu l-opinjonijiet u l-ħsibijiet tagħhom, filwaqt li jkunu jistgħu jargumentaw jew jisfidaw lil oħrajn b'mod demokratiku. Il-perspettiva ta' kulħadd hija rispettata, u kollha jipparteċipaw fil-proċess tal-ippjanar, teħid tad-deċiżjonijiet, u l-implimentazzjoni tal-intervent. Għaldaqstant, ambjent inklussiv jinħalaq u l-membri tal-komunità jakkwistaw sens ta' pussess fuq il-kwistjonijiet filwaqt li jipprovaw jaffaċċjaw il-problemi tagħhom stess. Hemm diversi vantaġġi għall-attentati biex jissolvew il-kwistjonijiet permezz ta' approċċ komunitarju. Minħabba li l-membri tal-komunità huma l-aġenti prinċipali tal-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-interventi u fl-istess waqt jgħixu fil-komunità, dawn għandhom fehim komuni tal-isfidi, xejriet, opportunitajiet, u kapaċitajiet tagħhom.



Konsegwentament, huma jistgħu b'mod aktar effiċjenti jagħmlu evalwazzjoni tal-bżonnijiet tagħhom u jidentifikaw il-problemi, filwaqt li din tfisser li jkun aktar probabbli li se jkollhom proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet san u li fl-aħħar mill-aħħar se jilħqu l-għanijiet tagħhom. Ir-riżoluzzjoni tal-problemi f'ambitu komunitarju jintuża wkoll fl-iskejjel fejn l-istudenti jkunu mitluba biex jidentifikaw problemi reali fil-ħajja. Dan l-approċċ hu wieħed li jġiegħel lill-isutdenti jkunu attivament involuti u jiżviluppaw il-komunikazzjoni, ħiliet ta' żvilupp ta' tim u dawk soċjali, ħsieb kritiku, u biex ikunu kapaċi jwettqu l-bidla. Il-preparazzjoni taż-żgħażagħ f'metodi parteċipatorji kapaċi wkoll tibbenefika l-komunità fi stadju aktar tard, u ttejjeb id-demokrazija għaliex dawn jiġu familjari mal-proċessi demokratiċi u soft skills.

Stampa minn <a href="https://www.freepik.com/free-vector/hand-drawn-bussiness-innovation_19948941.htm#query=community%20problem%20solving&position=2&from_view=sear

## 4.3 Oqsfa Teoretiċi għal Interventi fil-Komunità

Fil-letteratura, hemm diversi attentati biex wieħed jifhem it-terminu bbażat fil-komunità, meta wieħed iqis li dan kapaċi jkopri firxa wiesgħa ta' tifsiriet. Normalment, il-komunità tirrappreżenta *sit* għall-intervenzjonijiet, u hija ddefinita minn fatturi ġeografiċi bħall-akkwati, skola, belt, eċċ. L-għan ta' dawn l-interventi huwa li jitrawwmu bidliet fl-imġieba tal-individwi li jwasslu wkoll għal tnaqqis fir-riskju tal-espansjoni tal-problema għall-komunità inġenerali. It-terminu jista' jirreferi wkoll għall-*mira* tal-bidla nnifisha. F'dan il-mudell, bidliet sistematiċi fil-politiki pubbliċi, servizzi, jew istituzzjonijiet gradwalment jippromwovu l-prosperità u l-benesseri tal-komunità. Applikazzjoni oħra ta' dan it-terminu tiffoka fuq il-komunità bħala *riżorsa*. Dan il-mudell huwa strutturat madwar l-idea li l-parteċipazzjoni u s-sens ta' pussess tal-kwistjonijiet tal-membri tal-komunità huwa l-element kruċjali għas-suċċess. Fl-aħħar, ibbażat fil-komunità kapaċi jirreferi għall-komunità bħala aġent, li tenfasizza l-iżvilupp u l-isfruttar tal-kapaċitajiet tal-komunità biex jindirizzaw il-bżonnijiet tal-membri tal-komunità.

Fl-1969, Sherry Arnstein ipproponiet is-Sellum tal-Parteċipazzjoni taċ-Ċittadini, li huwa meqjus minn ħafna bħal mudell influwenti tal-parteċipazzjoni komunitarja. L-argument ċentrali ta' Arnstein huwa li f'ambjenti demokratiċi, il-poter għandu jitqassam ugwalment mal-partijiet kollha, sabiex dawn kollha jibbenefikaw; f'dan il-qafas, iċ-ċittadini jakkwistaw il-poter billi jipparteċipaw. Is-sellum metaforiku għandu tmien skaluni, b'approċċ minn isfel għal fuq, li jiddeskrivi tliet livelli ta' parteċipazzjoni miċ-ċittadini: nuqqas ta' parteċipazzjoni, gradi ta' tokenism, u gradi ta' poter taċ-ċittadin. Fil-qosor, it-tmien skaluni tas-Sellum tal-Parteċipazzjoni taċ-Ċittadin jinkludu:




1. **Manipulazzjoni**: dan iseħħ meta ċ-ċittadini jingħataw il-poter b'mod illużorju, bħal per eżempju billi jipparteċipaw b'bordijiet li jagħtu parir jew billi jipparteċipaw bħala komponenti passivi mingħajr ebda rwol sostanzjali fi protesti.
2. **Terapija**: iċ-ċittadini jiġu involuti f'attivitajiet li jimmiraw biex jgħinuhom flok biex jindirizzaw l-għeruq tal-problema.
3. **Infurmar**: l-informazzjoni pprovduta liċ-ċittadini ħafna drabi tkun superfiċjali u mhux binarja, u għalhekk ma jkunux jistgħu jipprovdu feedback jew joħolqu djalogu.
4. **Konsultazzjoni**: iċ-ċittadini jistgħu jesprimu l-ideat tagħhom, imma m'hemmx garanzija li dawn se jiġu kkunsidrati.
5. **Paċifikazzjoni**: hawn iċ-ċittadini għandhom grad limitat ta'

influwenza, imma jiġu involuti biss sabiex tinżamm il-pritensjoni tal-involviment tagħhom.

6. **Sħubija**: f'din l-iskaluna, iċ-ċittadini għandhom id-dritt li jinnegozjaw ma' dawk li għandhom il-poter u jaqsmu r-responsabbiltajiet fuq il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-ippjanar.
7. **Poter Delegat**: iċ-ċittadini għandhom kontroll fuq il-programm, inkluż tal-ġestjoni, tal-fondi, u tat-teħid tad-deċiżjoinijiet.
8. **Kontroll taċ-Ċittadini**: fi kliem Arnstein, dan hu meta "l-parteċipanti jew residenti jistgħu jiggvernaw programm jew istituzzjoni, ikunu f'kontroll totali tal-aspetti tal-politika u maniġerjali, u jkunu jistgħu jinnegozjaw il-kundizzjonijiet li fihom 'persuni esterni' jistgħu jbiddluhom."

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

## 5. It-2 Kapitlu: L-Ippjanar u l-Implimentazzjoni ta' Interventi Bbażati fil-Komunità

**5.1.** Evalwazzjoni tal-Bżonnijiet u Assi Lokali

L-evalwar ta' bżonnijiet u riżorsi lokali huwa importanti għat-titjib futur tal-komunità. Il-bżonnijiet huma dawk li jikkostitwixxu d-distakk bejn is-sitwazzjoni attwali u dik mixtieqa, fejn il-komunità taspira li tkun, filwaqt li r-riżorsi jinkludu l-assi kollha (riżorsi umani u dawk intanġibbli) li jistgħu jintużaw għat-titjib. Kull komunità hija możajk li jikkonsisti f'nies minn sfondi soċjoekonomiċi u kulturali differenti li għandhom il-bżonnijiet u l-assi tagħhom li jridu jiġu żvelati. Sabiex wieħed jakkwista veduta komprensiva ta' komunità u jindirizza l-kwistjonijiet li taffaċċja u u effettivament juża r-riżorsi tagħha, huwa importanti li wieħed jifhem l-istruttura u l-ambjent u l-opinjonijiet tal-membri tal-komunità, u, imbagħad, jifforma prijoritajiet fissi. L-evalwazzjoni taħdem bħala għodda biex tikkjarifika l-objettivi tal-interventi u biex tgħin fl-identifikazzjoni l-mezz li bihom jistgħu jiġu miksuba b'mod loġiku u effettiv. Din tippermetti wkoll lill-membri tal-komunità biex attivament jipparteċipaw fil-proċess u biex jitfgħu dawn fuq il-prijoritajiet tagħhom, xi ħaġa li osservatur estern kapaċi ma jindunax biha. Permezz ta' metodi parteċipatorji bbażati fil-komunità, il-fiduċja tal-membri tiżdied u tagħtihom sens ta' tmexxija, u b'hekk iżżidilhom il-kapaċità.

L-evalwazzjoni tal-bżonnijiet u r-riżorsi għandha ssir regolarment matul il-programm t'intervenzjoni u mhux limitata għall-bidu biss. Din tista' sseħħ permezz tal-użu ta' stħarriġ b'struttura informali jew formali. Stħarriġ huwa ta' valur għaliex jista' jissupplimenta osservazzjoni statiċi flimkien ma' aktar informazzjoni dettaljata. Jista' wkoll jitfa' dawl fuq bżonnijiet possibbli oħra eżistenti u jista' jallinja azzjonijiet sussegwenti mal-objettivi. Barra minn hekk, dawn jinvolvu aktar nies fil-programm biex b'hekk jappoġġjaw aktar l-implimentazzjoni tiegħu.



<a href="https://www.freepik.com/free-vector/tiny-people-analyst-observing-workers-performance-tablet-performance-rating-employee-work-measurement-work-efficiency-feedback-concept_10782800.htm#query=needs%20assessment&position=7&from_view=search&track=ais">Image by vectorjuice</a> on Freepik

L-ewwel pass biex jiġi varat l-istħarriġ huwa li jiġi ffurmat grupp li jgħin biex jiġi ffurmat fehim komprensiv tal-komunità billi tiġi rikonoxxuta l-informazzjoni ewlenija li hemm bżonn tiġi miġbura. Il-grupp ikun responsabbli wkoll mill-identifikazzjoni ta' sorsi oħra ta' informazzjoni li jistgħu jipprovdu aktar dejta, bħal organizzazzjonjiet u istitutzzjonijiet fil-komunità. Persuna għandha tkun inkarigata li tikkontrolla u tanalizza d-dejta, u fl-aħħar ir-riżultati għandhom jiġu maqsuma mal-komunità. Għaldaqstant, l-evalwazzjoni hija essenzjali għaliex titfa' dawl fuq il-prijoritajiet tal-komunità, in-nuqqasijiet f'ċertu ħiliet, jew anke l-aspetti b'saħħithom li jistgħu jiġu utlizzati.

**5.2.** L-Iżviluppar ta' Pjan t'Azzjoni għall-Komunità

Proċedura strutturata li tilqa' l-għanijiet tal-komunità hija importanti ferm u trid tiġi mfassla mill-ewwel stadji tal-intervent. B'hekk jiġi mmassimizzat il-persentaġġ tal-fattibbiltà u s-suċċess u żżomm lill-membri ffukati fuq l-għan inizjali mingħajr ma jiġu injorati ebda dettalji. Għaldaqstant, pjan ta' azzjoni huwa għodda vitali li jista' jgħin lill-komunità torganizza kif jistgħu jilħqu ċertu objettivi bbażati fuq pjan dettaljat, b'passi speċifiċi. Skont l-evalwazzjoni ta' bżonnijiet u assi, il-problema u l-impatt negattiv tagħha fuq il-komunità jiġi identifikat biex b'hekk jagħmel il-viżjoni għall-intervent aktar ċara, u barra minn hekk jindika t-triq għal pjan ta' azzjoni, pass wara pass; dan il-pjan ta' azzjoni għandu jibdel il-viżjoni tal-komunità f'realtà.

Bħala l-ewwel pass, grupp ta' individwi għandhom jiltaqgħu biex jiżviluppaw pjan ta' azzjoni. Huwa importanti li dan ikollu membri minn sfondi differenti, gruppi partikolari fil-mira ta' dan il-pjan, u setturi fil-komunità biex jipprovdu veduta olistika tal-problema u biex jagħmlu brainstorming fuq kif għandhom jipproċedu biex isibu soluzzjoni. Il-grupp imbagħad għandu jiżviluppa pjan ta' azzjoni u jipprogramma l-azzjonijiet sussegwenti, filwaqt li jinforma lill-partijiet interessati dwar dan. L-inkarigi għandhom jiġu assenjati lil kulħadd sabiex kull membru jkollu rwol u missjoni fil-pjan. Matul l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni, il-grupp għandu jikkordina, jirrevedi, u jevalwa l-azzjonijiet sabiex jieħu miżuri korrettivi jekk hemm bżonn. Il-pjan ta' azzjoni għandu jkun segwit regolarment, permezz ta' telefonati u laqgħat in vivo, u l-membri għandhom iwettqu l-impenji tagħhom u jlaħħqu ma' dati ta' skadenzi. Biex nikkonkludu, il-pjan ta' sommarju għandu jinkludi dan li ġej:

Image by <a href="https://www.freepik.com/free-vector/hand-



- **Xi** jrid jinbidel.
- **X'**azzjonijiet jew bidliet se jseħħu.
- **Min** se jwettaq dawn il-bidliet.
- **Sa meta** se jseħħu u għal kemm żmien.
- **X'riżorsi** hemm bżonn biex jitwettqu dawn il-bidliet.
- **Komunikazzjoni** (min għandu jkun jaf xiex?).




<a href="https://www.freepik.com/free-vector/business-background-design_1068430.htm#query=Community%20Action%20Plan&position=4&from_view=search&track=ais">Image by GraphiqaStock</a> on Freepik

Wara t-tlestija ta' kull pass/inkarigu, il-grupp għandu jiċċelebra x-xogħol magħmul sabiex iżomm il-membri motivati, eċitati, u billi jtihom il-krettu. Il-pjan ta' azzjoni, meta jkun konkret, ċar, u aġġornat jipprovdi kredibbiltà u kontabbiltà lill-grupp, filwaqt li jrawwem ottimiżmu u pożittività għall-eżitu tal-futur.

**5.3.** Il-Mobilizzazzjoni tar-Riżorsi u l-Isħubiji tal-Komunità

Il-membri tal-komunità huma parti vitali biex intervent jitwettaq b'suċċess, però li komunità tkun lesta għal tali m'għandiex tittieħed bħala xi ħaġa ovvja. Evalwazzjoni inizjali tal-grad li l-membri ta' komunità jistgħu jirrispondu għall-intervent u biex jindirizzaw il-kwistjoni għandu jsir. Il-perċezzjoni tal-problema mhux dejjem tkun l-istess għal kulħadd, għaliex ċertu individwi mhux bilfors jirrikonoxxuha bħala kwistjoni jew jaħsbu li mhix waħda kostanti. Barra minn hekk, il-komunità kapaċi tkun nieqsa mill-motivazzjoni biex tindirizza l-kwistjoni, jew l-isforzi tagħha kapaċi ma jkunux effiċjenti. Għan din ir-raġuni u ħafna aktar, mobilizzazzjoni strutturata u ppjanata tal-komunità għandha tiġi fis-seħħ, u b'hekk l-azzjonijiet jitwettqu kollettivament u l-grad tas-suċċess jiżdied. Approċċi parteċipatorji jiżguraw li l-leħen ta' kulħadd jinstema' u li l-membri tal-komunità jassumu responsabbiltà għar-riżultati tagħhom, filwaqt li l-esperjenzi, għarfien, u kapaċitajiet differenti tagħhom jiġu kkunsidrati. Dawn jipprovdu wkoll trasparenza għaliex il-membri tal-komunità jkunu jafu l-proċessi u d-deċiżjonijiet meħuda li jaffettwawhom u fl-istess waqt jirrikonoxxu jekk il-membri hux trattati ugwalment u jekk humiex inklużi.

Hemm ħafna mudelli u strateġiji li jistgħu jiġu segwiti biex jiġu mmobbilizzati r-riżorsi tal-komunità u sħubijiet u b'hekk titjieb il-kwalità tal-ħajja tal-komunità. L-ewwelnett, sħarriġ fuq kif kif tista' tingħata enerġija lill-komunità fir-rigward tal-kwistjoni għandha sseħħ biex b'hekk jintefa' dawl fuq il-lokalità tal-komunità u l-problemi tagħha, il-prijoritajiet, kif ukoll esperjenzi preċedenti. Għal fehim aktar profond tal-kuntest u għal evalwazzjoni tal-bżonnijiet u l-isfidi li l-komunità kapaċi taffaċċja, normalment grupp fokali jiġi organizzat fejn il-komunità tiġi rappreżentata b'diversi oqsma, bħal irġiel u nisa, gruppi ta' minoranza, professjonisti, eċċ. Grupp ta' ħidma għandu jiltaqa' sabiex jaqsam il-viżjonijiet u pjan ta' azzjoni tiegħu biex jakkwista l-aħjar riżultati, filwaqt li analiżi SWOT kapaċi sservi ta' għodda importanti biex titfa' dawl fuq id-dgħjufijiet tal-gruppi u fuq liema għandu jitpoġġa l-fok. Wara, kampanja ta' għarfien għandha ssir biex issir interazzjoni mal-midja u ċ-ċittadini f'diversi attivatijiet, il-volontarjat, u konsultazzjonijiet pubbliċi, eċċ. Għaldaqstant, il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi tal-komunità huwa proċess stimulat mill-membri tal-komunità u riżorsi oħra biex tittieħed azzjoni kollettiva għat-titjib tal-ħajja komunitarja. Il-membri jinizjaw djalogu fejn huma nfushom għandhom rwol predominanti fuq il-kwistjonijiet u s-soluzzjonijiet li jaffettwaw ħajjithom.

Il-mobilizzazzjoni tal-komunità tista' tinkiseb permezz tal-użu ta' diversi riżorsi, bħal tmexxija, evalwazzjoni, maniġment organizzazzjonali u operazzjonali, u komunikazzjoni. Aktar speċifikament, li wieħed ikollu tim ta' tmexxija b'saħħtu, filwaqt li jinvolvi diversi partijiet tal-komunità li attivament jipparteċipaw u jaqsmu l-opinjonijiet tagħhom, jispira fiduċja u kredibbiltà. Komunikazzjoni interna hija importanti biex iżżomm il-membri tagħha fl-istess triq u l-komunità għanda tkun edukata u inkluża. Il-komunitajiet għandhom jieħdu inizjattiva u jaġixxu b'mod independenti, filwaqt li ċ-ċittadini għandhom jimmobilizzaw di volontà tagħhom abbażi ta' motivazzjonijiet personali u komunali.

Il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi hija l-utlizzazzjoni ottima tar-riżorsi f'ħin xieraq u b'mod li jiffranka l-aktar spejjeż, fejn ir-riżorsi, mekkaniżmi, u sħab jiġu flimkien sabiex jakkwistaw l-objettivi inizjali tal-azzjoni. Riżorsi naturali, umani, morali, kulturali, u materjali jiġu kkunsidrati kollha kemm huma u jistgħu jiġu pprovduti minn organizzazzjonijiet/istituzzjonijiet, gvernijiet nazzjonali, negozji fis-settur privat, jew anke appoġġ individwali. Il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi hija bbażata fuq 3 pilastri, cioè l-bini ta' relazzjonijiet, komunikazzjoni, u l-ġestjoni tal-organizzazzjoni. L-użu tal-mobilizzazzjoni tar-riżorsi għandha diversi vantaġġi, bħal li tipprovdi indipendenza, l-immaniġġjar tal-fondi tiegħek stess, l-espansjoni tal-kollaborazzjoni u t-

titjib ta’ approċċi parteċipatorji, kif ukoll l-iżvilupp tas-sostenibbiltà.

## 6. It-III KAPITLU: Approċċi u Mudelli għal Intervenzjoni Bbażata fil-Komunità

### 6.1. Żvilupp fil-Komunità Bbażat fuq l-Assi (ABCD)

Ħafna drabi jiġi osservat li meta jaffaċċjaw diversi problemi, il-komunitajiet ifittxu appoġġ u għajnuna esterna li tkun meqjusa aktar professjonali, aktar mgħammra bir-riżorsi u l-għarfien, u għaldaqstant aktar effettiva. L-enfasi titpoġġa fuq il-bżonnijiet u l-problemi tal-komunità, filwaqt li l-kapaċità u l-punti b’saħħithom tagħhom jiġu mwarrba. Fl-istess waqt, isir użu limitat biss mill-abbiltajiet u l-ħiliet tal-membri, kif ukoll mill-assi komunitarji, u b’hekk tiġi ffurmata impressjoni li l-komunitajiet huma massa ta’ nies b’problemi kumplessi u diversi. Kuntrarjament għal dan, kull komunità għandha sett unika ta’ ħiliet, doni, u assi li jistgħu jintużaw biex itejbu l-kwalità tal-ħajja. Kulħadd għandu xi ħaġa x’joffri.

“Żvilupp fil-Komunità Bbażat fuq l-Assi” (ABCD) huwa strateġija għal żvilupp sostenibbli mmexxi mill-komunità. Lil hinn mill-mobilizzazzjoni ta’ komunità partikolari, ABCD huwa kkonċernat dwar kif jorbot assi żgħar ma’ ambjent aktar kbir. L-attirazzjoni tal-ABCD tinsab fil-premessa li l-komunitajiet jistgħu jmexxu l-proċess ta’ żvilupp huma stess billi jidentifikaw u jimmobilizzaw assi eżistenti, iżda li ħafna drabi mhumiex rikonoxxuti, u b’hekk jirrispondu għal joħolqu opportunitajiet ekonomiċi lokali.[1] Għaldaqstant, ABCD ifisser il-bini ta’ komunitajiet aktar f’saħħithom, siguri, inklussivi, u b’aktar prosperità fejn iċ-ċittadini huma l-kontributuri primarji. L-ABCD tistedinna biex nibdew b’fok fuq x’inhu b’saħħtu sabiex inkunu nistgħu nużaw dak li hu b’saħħtu biex nindirizzaw dak li hu ħażin, u biex b’hekk nagħmlu dak li hu b’saħħtu aktar b’saħħtu minn qabel.[2]

Approċċi attwali li jintużaw ta’ spiss jiffukaw fuq id-defiċit u jenfasizzaw dak li hu nieqes, fuq il-problemi u l-bżonnijiet tal-komunità, u għaldaqstant ma jġibux magħhom riforma istituzzjonali effettiva. Dawn ħafna drabi jużaw strateġiji minn fuq għal isfel u ċ-ċittadini jitqiesu bħala reċipjenti passivi li, barra minn dan, mhux kwalifikati, u għalhekk tinħoloq distanza fost il-membri tal-komunità kif ukoll sens ta’ iżolazzjoni. Però, l-approċċ ABCD huwa wieħed mmexxi mill-komunità u parteċipatorju, fejn iċ-ċittadini jissaħħu biex jaġixxu ta’ aġenti ta’ bidla, u li eventwalment iwasslu għal żvilupp soċjali sostenibbli.

| | Deficit Based | Asset Based |
|---|---|---|
| Purpose | Changing community through increased services | Changing community through citizen involvement |
| Method | Institutional reform | Citizen-centred production |
| Accountability | Leaders are professional staff, accountable to institutional stakeholders. | Leaders area widening circles of volunteer citizens. Accountable to the community. |
| Significance of Assets | Assets are system inputs. Asset mapping is data collection. | Assets are relationships to be discovered and connected. Asset mapping is self-realization and leadership development. |
| Production Resource | Money is the key resource. Falls apart without money. | Relationships are the key resource. Falls apart when money becomes the focus. |
| Operating Challenge | How do we get citizens involved? | How do we channel and build on all this citizen participation? |
| System Dynamic | Tends to spread itself thinner over time. | Tends to snowball over time. |
| Evaluation | Success is service outcomes, measured mostly by institutional stakeholders. | Success is capacity, measured mostly by relationships. |

Deficit Based Process vs Sustainable Community Development Asset Based Approach

Inizjalment il-kapaċità tal-komunità tiġi identifikata sabiex l-assi tal-individwi sussegwentament jiġu sfruttati. Ir-riċerka turi li hemm ħames assi kruċjali għall-approċċ ABCD:

---

[1] What is Asset Based Community Development (ABCD), Toolkit by the Collaborative For Neighborhood Transformation in https://www.neighborhoodtransformation.net/

[2] https://www.nurturedevelopment.org/about-abcd/

1. Individwi: bħala l-ass ewlieni, ir-residenti tal-komunità huma meqjusa li għandhom diversi doni u l-ħafna assi li għandhom jiġu identifikati u użati aktar tard.
2. Assoċjazzjonijiet: dawn huma gruppi żgħar informali, li ħafna drabi jitmexxew minn voluntiera, u li m'għandhomx interessi individwali iżda li jistgħu jikkontribwixxu għall-mobilizzazzjoni tal-komunità.
3. Istituzzjonijiet: gruppi strutturati ta' individwi, l-aktar professjonisti, li jaħdmu fuq bażi ta' ħlas (eż. negozji privati, aġenziji governattivi) u li jistabbilixxu sens ta' responsabbiltà ċivika.
4. Assi fiżiċi: riżorsi naturali, art, binjiet.
5. Konnessjonijiet: dawn huma parti importanti mill-komunità. Il-konnessjonijiet jinbnew permezz ta' interazzjoni individwali tal-individwi, li gradwalment jiffurmaw netwerk ta' nies, cioè komunità.

*Tabella miġjuba minn ASSET BASED COMMUNITY DEVELOPMENT, Transform Integrated Community Care https://transform-integratedcommunitycare.com/wp-content/uploads/2021/07/ABCD-paper_v03C.pdf*

L-approċċ ABCD ġie ittestjat u hu meqjus wieħed ta' suċċess meta wieħed jimxi wara l-passi u prinċipji bażiċi tiegħu. L-ewwelnett, huwa importanti li wieħed jiġbor stejjer għaliex dawn jipprovdu stampa konkreta tal-komunità u jgħinu fl-immappjar tad-doni, ħiliet, u assi tal-membri. Barra minn hekk, dawn jitfgħu dawl fuq x'inhu importanti għan-nies u kif dawn jistgħu jiġu mmotivati. It-tieni nett, grupp tal-qalba għandu jiġi ffurmat li jikkonsisti minn individwi li wrew impenn jew ħiliet ta' tmexxija u li jistgħu japplikaw dan l-approċċ billi jibnu netwerks u relazzjonijiet fi ħdan il-komunità. Imbagħad, il-kapaċitajiet tal-ħames gruppi t'assi kollha involuti għandhom jiġu identifikati sabiex jagħmlu użu aħjar mill-aspetti b'saħħithom ta' kulħadd sabiex jibnu aktar saħħa komunitarja. L-abiltajiet u l-kontribuzzjonijiet ta' kulħadd huma kontabbli u apprezzati, filwaqt li postijiet b'sjieda privata jew komunjali jkunu disponibbli. Il-komunità se tifhem li l-ekonomija lokali tissaħħaħ permezz tal-użu massimu tar-riżorsi tagħha stess. Pass importanti huwa l-bini ta' relazzjonijiet ġodda biex jissaħħu netwerks eżistenti għaliex in-nies jirrikonoxxu l-benefiċċji li jiġu minn ħidma u parteċipazzjoni kollaborattiva. Għaldaqstant, impenn b'saħħtu huwa neċessarju mill-membri kollha involuti. Fl-aħħarnett, meta l-viżjoni tkun ċara u l-proċess strutturat u organizzat, l-eżitu hemm aktar ċans li jkun wieħed ta' suċċess; il-membri, li kostantament ikabbru n-netwerk komunitarju, jiffissaw għanijiet ġodda li jridu jaħdmu għalihom.




https://www.nurturedevelopment.org/about-abcd/

**6.2.** Riċerka ta’ Azzjoni Parteċipattiva (PAR)

“Riċerka ta’ azzjoni” ġiet żviluppata inizjalment minn Kurt Lewin fl-1946 bħala ċiklu iterattiv ta’ riċerka mmirat lejn ir-riżoluzzjoni ta’ problema. Id-devjazzjoni primarja minn metodi oħra kienet it-twaħħid ta’ riċerka u azzjoni, li effettivament twassal għal bidla. Din kellha żewġ objettivi, l-ewwel li tinvestiga l-bżonnijiet/problemi ta’ grupp ta’ nies u li tipprovdilhom informazzjoni utli, u t-tieni li tinvolvi n-nies fil-proċess tar-riżoluzzjoni billi jużaw il-ħiliet, l-abbiltajiet, u l-għarfien tagħhom; għaldaqstant, jakkwistaw aktar għarfien tas-sitwazzjoni u jieħdu azzjoni, filwaqt li l-poter tar-riċerkatur estern ikun ibbażat fuq il-komunità. Il-PAR huwa metodu li jenfasizza l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati bil-mira li jtejjeb il-kwalità tal-aspett soċjali. F’dan il-każ, fejn il-partijiet interessati kollha jieħdu kontroll attiv tad-disinn, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-proġett ta’ riċerka, il-prinċipji demokratiċi u l-ġustizzja soċjali jiddominaw. Il-kunċett tal-PAR jinsab fl-abbiltà li tinġieb bidla pożittiva permezz ta’ riċerka u azzjoni, li tiġi mwettqa permezz tal-involviment tal-komunità. Din tirriżulta fl-iżvilupp ta’ rabtiet b’saħħithom fost il-komunità, li jitjiebu permezz ta’ proċessi ta’ teħid tad-deċiżjonijiet kollettivi, djalogu, u valuri. Biex nikkonkludu, l-għan ewlieni tal-PAR huwa li jwaħħad it-teorija mal-azzjoni, u li jevalwa l-proċess bl-għan li jġib bidla, jikkomunika diversi ideat u soluzzjonijiet lill-komunità. Il-PAR illum il-ġurnata jintuża ħafna bħala għodda metodoloġika f’ambjent edukazzjonali sabiex jinvolvi lill-għalliema f’proċessi ta’ riċerka biex itejbu l-prattiċi ta’ tagħlim u kundizzjonijiet ta’ tagħlim.

B’kuntrast ma’ metodi oħra li jsegwu mudell lineari, il-PAR hija riċerka bbażata fuq azzjoni spirali li hija bbażata fuq struttura rikorrenti ta’ ppjanar, implimentazzjoni, osservazzjoni, u evalwazzjoni. Il-punt ta’ tluq hija sitwazzjoni problematika, kwistjoni li tikkonċerna l-komunità u li titlob għal intervenzjoni diretta. Il-komunità nfisha hija waħda li tidentifika u tipprijoritizza x’tip ta’ bidla jixtiequ.




L-1 Figura: Iċ-ċiklu iterattiv tar-riċerka ta’ azzjoni parteċipatorja (PAR), meħud minn Maggie Walter, ‘Partipatory Action Research’.

Matul il-fażi ta’ pjannar, kollaborazzjoni bejn ir-riċerkatur u l-membri tal-komunità tiġi stabbilita sabiex jevalwaw il-problemi, jidentifikaw riżorsi utli, u mbagħad jiżviluppaw pjan. Sabiex kemm ir-riċerkatur u l-komunità fil-mira tal-interess jikkollaboraw b’mod produttiv, komunikazzjoni sostanzjali ta’ skambju reċiproku u simettriku hija neċessarja. Il-fażi ta’ implimentazzjoni ssegwi, matul liem osservazzjonijiet tal- azzjonijiet u l-eżiti jittieħdu. Finalment, il-parteċipanti jirriflettu u jevalwaw is-suċċess tal-azzjoni sabiex

jinfurmaw u jiffurmaw iċ-ċiklu li jmiss, li jkompli f'kemm hemm bżonn iterazzjoinijiet tiegħu sakemm jintlaħqu l-għanijiet u r-riżultati aħħarija. Din il-proċedura ċirkulari tippermetti li l-parteċipanti jkunu flessibbli, jitgħallmu mill-iżbalji tagħhom, u jaġġustaw kif hemm bżonn sakemm jakkwistaw ir-riżultati massimi. Huwa prerekwiżit, matul l-erba' stadji li l-azzjoni tkun kompletament kollaborattiva u li ċ-ċirku jagħlaq biss meta tissolva l-kwistjoni.

Ir-Riċerka ta' Azzjoni Parteċipatorja hija kkunsidrata bħala metodu effettiv li bihom jiġu involuti żżgħażagħ, li ħafna drabi huma marġinalizzati f'riċerka kollaborattiva u stadji ta' evalwazzjoni minħabba nuqqas ta' fiduċja muri fihom minn riċerkaturi żgħażagħ. Madankollu, l-involviment taż-żgħażagħ f'dawn il-proċessi huwa importanti għaliex dawn ifittxu biex jindirizzaw kwistjonijiet soċjali li huma stess jaffaċċjaw. F'proġetti ta' PAR, fejn iż-żgħażagħ huma attivament involuti, ġie osservat li dawn żviluppaw diversi soft skills, bħal tmexxija, komunikazzjoni, u riċerka. Billi jingħataw rwoli mexxejja fir-riżoluzzjoni tal-problemi, dawn ikollhom aktar għarfien fuq il-kwistjonijiet soċjali madwarhom, li tikkontribwixxi għall-iżvilupp gradwali tal-ħsieb kritiku u l-empatija. Eżiti pożittivi ġew osservati wkoll fil-komunitajiet għaliex l-applikazzjoni tal-PAR tippermettilhom rwol pro-attiv li jgħinhom biex itejbu l-kapaċità tagħhom.



<a href="https://www.freepik.com/free-vector/system-software-development-abstract-concept-illustration_20769817.htm#query=Participatory%20Action%20Research&position=13&from_view=search&track=ais&uuid=784011c7-be7f-4b52-bacf-1bf1467ef461">Image by vectorjuice</a> on Freepik

Biex nikkonkludu, is-selezzjoni tal-metodu ta' Riċerka ta' Azzjoni Parteċipatorja normalment isseħħ minħabba n-natura applikata tagħha, li torbot it-teorija mal-prattika, u tiffoka fuq il-bidla soċjali. Din tirrikjedi parteċipazzjoni u kollaborazzjoni ugwali bejn il-membri involuti. Din toffri wkoll implimentazzjoni flessibbli tal-qafas (il-proċess miftuħ ċirkulari-spirali) li permezz tiegħu l-parteċipanti jaġixxu u jirriflettu biex jifhmu, ibidlu, u jtejbu ċ-ċirkustanzi tagħhom ta' kuljum. L-istadju ta' riflessjoni huwa kruċjali għas-suċċess.

**6.3.** Inizjattivi t'Impatt Kollettiv

Fir-realizzazzjoni li l-kwistjonijiet kumplessi u multidimensjonali soċjali ma jistgħux jiġu solvuti permezz ta' entitajiet individwali, l-enfasi titqiegħed fuq azzjonijiet komprensivi li jutilizzaw ir-riżorsi ta' diversi komponenti. Kwistjonijiet soċjali jiżdiedu rapidament u l-inizjattivi statali ġew murija bħala mhux adegwati biex jisfidaw u jindirizzawhom. L-impatt kollettiv jirreferi għall-impenn stabbilit bejn diversi atturi minn oqsma differenti għal pjan speċifiku biex isolvu kwistjoni partikolari soċjali li hija meqjusa u ġiet evalwata bħala kumplessa. F'dan ir-rispett, hemm bżonn li wieħed imur lil hinn minn metodi ta' riżoluzzjonijiet tal-problemi tradizzjonali għal dawk aktar innovattivi u kollettivi.

Il-qafas tal-impatt kollettiv huwa bbażat fuq ħames kundizzjonijiet ewlenin:

1. L-Aġenda Komuni: l-entitajiet parteċipatorji kollha jiġu flimkien biex jiddefinixxu l-problema u jaqblu fuq l-aġenda komuni, li tiffavorixxi l-interessi tal-komunità, filwaqt li jaqsmu l-istess viżjoni fuq kif jindirizzawha.
2. Kejl komuni: il-parteċipanti kollha jaqblu li jużaw sett komunit ta' indikaturi sabiex ikollhom akkont tal-progress u jkejlu r-riżultati sabiex l-isforzi kollha jkunu kontabbli u jseħħ titjib f'dan ir-rigward.
3. Attivitajiet Komuni ta' Tisħiħ: pjan ta' tisħiħ ta' attivitajiet jiġu avvanzati sabiex l-attivitajiet individwali u l-approċċi varji jiġu inkuraġġuti u jkunu allinjati ma' xulxin.
4. Komunikazzjoni kontinwa: komunikazzjoni konsistenti u miftuħa ssaħħaħ ir-relazzjonijiet u ttejjeb il-fiduċja u l-impenn.
5. Sinsla tal-Appoġġ: din hija vitali sabiex ikun hemm entità ċentralizzata, indipendenti li tipprovdi appoġġ kontinwu lill-grupp, li tallinja u tikkordina l-attivitajiet sabiex tiżgura li dawn jimmiraw dejjem lejn l-iskop inizjali.

F'dan l-approċċ t'impatt kollettiv, hemm erba' komponenti strutturali rikonoxxuti: il-kumitat tat-tmexxija, il-gruppi ta' ħidma, is-sinsla tal-appoġġ, u l-involviment komunitarju. Il-kumitat tat-tmexxija jistabbilixxi l-istadju inizjali u huwa responsabbli mill-monitoraġġ ġenerali tal-grupp, jipprovdi linji gwida, u jimmonitorja l-progress. L-irwol tal-gruppi ta' ħidma huwa li jidentifika strateġiji biex jakkwistaw dawn l-objettivi, jikkomunikaw frekwentament biex iżommu l-komunità involuta u jimplimentaw l-attivitajiet. Is-sinsla tal-appoġġ taħdem indipendentament biex tappoġġja inizjattiva kollettiva billi titfa' dawl fuq l-istrateġija u l-viżjoni tal-grupp, tappoġġja l-attivitajiet matul il-perkors tagħhom, u timmobilizza r-riżorsi. Fl-aħħarnett, l-involviment tal-komunità huwa kruċjali għas-suċċess għax dan jagħti l-poter, vuċi, u sens ta' pussess tal-kwistjonijiet in kwistjoni lill-pubbliku inġenerali.

## 8. SOMMARJU/KONKLUŻJONIJIET

F'dan il-modulu, il-kunċett ta' interventi bbażati fil-komunità ġie żviluppat bħala metodu alternattiv għar-riżoluzzjonijiet tal-problemi li jgħin lin-nies tkun attivament involuta u tavvanza l-bidla soċjali, u dan l-ewwelnett mil-livell komunitarju. Problemi soċjali multidimensjonali, kumplessi, u ta' sfida jevolvu malajr, speċjalment fl-isferi tas-saħħa u l-edukazzjoni, u r-riċerka turi li programmi t'interventi bbażati fil-komunità għandhom il-potenzjal li jindirizzawhom. Dawn jutilizzaw proċessi dinamiċi li l-ewwelnett jikkontribwixxu biex il-bżonnijiet tal-komunità jiġu mmappjati u mbagħad titfassal viżjoni u pjan komuni sabiex jiġu solvuti kwistjonijiet rikorrenti. B'dan il-mod, dawn itejbu l-kwalità ta' ħajja fi ħdan il-komunità u jikkontribwixxu għall-progress u l-iżvilupp soċjali.

Permezz ta' dawn l-interventi bbażati fil-komunità, l-irwol importanti tal-komunità jiġi enfasizzat—rwol li ħafna drabi jiġi injorat—għaliex l-irwol mexxej fir-riżoluzzjonijiet tal-problemi ħafna drabi jingarr minn organizzazzjonijiet u aġenziji governattivi. Minflok, billi l-komunità tingħata spazju għall-azzjoni, l-istess komunità li taf il-prijoritajiet u l-kwistjonijiet li tikkonċernaha, iċ-ċittadini jittrasformaw ruħhom minn osservaturi passivi għal parteċipanti attivi mmotivati u lesti għall-bidla. Fil-kuntest ta' dawn l-interventi, azzjoni parteċipattiva tiġi msaħħa, prinċipji demokratiċi jiġu promossi, u inugwaljanzi soċjali jiġu katalizzati.

Matul dan il-modulu, l-għan kien li jintefa' dawl fuq il-potenzjal tal-komunità abbażi tal-ħiliet u għarfien individwali ta' kulħadd, meta normalment l-enfasi taqa' fuq l-intervent ta' terza parti jew xi espert estern, u fuq x'hemm f'termini ta' nuqqas. B'kuntrast ma' dan, ir-riżorsi kollha disponibbli jridu jiġu użati b'mod adegwat ħalli b'hekk jiġu inkoraġġuti ċ-ċittadini li jirrikonoxxu l-kontribuzzjoni tagħhom. Barra minn hekk, ir-Riċerka ta' Azzjoni Parteċipattiva tiżvela lilha nnifsha bħala għodda utli li tibbenifika l-komunità u kwalunkwe ambjent li tiġi applikata fiha, bħala proċess iterattiv spirali li jiġi segwit minn żbalji li jridu jiġu identifikati, bil-kwistjoni terġa' tiġi trattata mill-ġdid għall-aktar riżultati ottimi.

Billi jisfruttaw approċċi bbażati fil-komunità, iż-żgħażagħ jistgħu jieħdu rwol attiv f'kwistjonijiet li jaffettwawhom direttament u li jgħinuhom iħossuhom utli fil-komunità. Fl-istess waqt, permezz ta' dawn il-metodi u strateġiji, normalment jiżviluppaw personalment; din hija importanti għax iż-żgħażagħ huma l-futur. Dan il-modulu jista' jkun utli għal persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ u li jappoġġjaw gruppi ta' żgħażagħ fl-iżvilupp personali tagħhom, għaliex b'hekk ikunu jistgħu jiggwidawhom vis-à-vis l-approċċi kollaborattivi u komprensivi biex isolvu l-problemi tagħhom. Għaldaqstant, huma jkunu jistgħu jirrikonoxxu l-poter tal-komunità u li anke kwistjonjiet kumplessi jistgħu jiġu solvuti fi spirtu ta' kollaborazzjonijiet, attivitajiet konġunti, u viżjoni komuni.

## 9. REFERENZI

*Asset Based Community Development : Transform*. (n.d.). https://transform-integratedcommunitycare.com/casestudy/asset-based-community-development/

*Chapter 18. Deciding Where to Start | Section 1. Designing Community Interventions | Main Section | Community Tool Box*. (n.d.). https://ctb.ku.edu/en/table-of-contents/analyze/where-to-start/design-community-interventions/main

Collaborative of Neighborhood Transformation. (n.d.). *What is Asset Based Community Development (ABCD)*. https://www.neighborhoodtransformation.net/.

*Community Mobilization Sector Approach*. (n.d.). Mercy Corps. https://www.mercycorps.org/research-resources/community-mobilization-sector-approach#:~:text=Community%20mobilization%20is%20the%20process,governance%2C%20accountability%20and%20peaceful%20change

*Interact for Health Thriving Communities Resources*. (n.d.). https://interactforhealth.org/resources/

McLeroy, K. R., Norton, B., Kegler, M. C., Burdine, J. N., & Sumaya, C. V. (2003, April 1). *Community-Based Interventions*. American Journal of Public Health. https://doi.org/10.2105/ajph.93.4.529

*Mobilization - Community and Resource Mobilization*. (n.d.). PPT. https://www.slideshare.net/VaishnaviPrabakar3/mobilization-community-and-resource-mobilization

*Steps for community mobilization*. (n.d.). https://epfound.ge/en/resources/stories/singleview/392-steps-for-community-mobilization

*View of Youth Involvement in Participatory Action Research (PAR)*. (n.d.). https://ojs.uwindsor.ca/index.php/csw/article/view/5891/4888

*What Is Collective Impact - Price Center for Social Innovation*. (2020, November 2). Price Center for Social Innovation. https://socialinnovation.usc.edu/social_research/what-is-collective-impact/

*Προσεγγίζοντας την κοινότητα του 21ου αιώνα | Heinrich-Böll-Stiftung Θεσσαλονίκη*. (2023, February 7). Heinrich-Böll-Stiftung Θεσσαλονίκη. https://gr.boell.org/el/2023/02/07/proseggizontas-tin-koinotita-toy-21oy-aiona

Dowrick, C. (2013, October 1). *Community engagement*. Increasing Equity of Access to High-quality Mental Health Services in Primary Care: A Mixed-methods Study - NCBI Bookshelf. https://www.ncbi.nlm.nih.gov/books/NBK374115/

Walter, M. (2014, May 26). *Participatory Action Research*. Utas. https://www.academia.edu/3563840/Participatory_Action_Research

Zaimakis, Y. (2014, August 7). *Κοινοτική Εργασία και τοπικές κοινωνίες*. Crete. https://www.academia.edu/1189763/%CE%9A%CE%BF%CE%B9%CE%BD%CE%BF%CF%84%CE%B9%CE%BA%CE%AE_%CE%95%CF%81%CE%B3%CE%B1%CF%83%CE%AF%CE%B1_%CE%BA%CE%B1%CE%B9_%CF%84%CE%BF%CF%80%CE%B9%CE%BA%CE%AD%CF%82_%CE%BA%CE%BF%CE%B9%CE%BD%CF%89%CE%BD%CE%AF%CE%B5%CF%82

*About ABCD - Nurture Development*. (2018, March 9). Nurture Development. https://www.nurturedevelopment.org/about-abcd/

S. (2020, January 15). *Ladder of Citizen Participation*. Organizing Engagement. https://organizingengagement.org/models/ladder-of-citizen-participation/

Agdal, R. (2020, June 13). *Asset Based Community Development: How to Get Started - Abundant Community*. Abundant Community. https://www.abundantcommunity.com/asset-based-community-development-how-to-get-started/

*Community-Based Interventions*. (2023, January 26). College of Health. https://health.oregonstate.edu/hallie-ford/heal/practice/community#:~:text=Community%2Dbased%20interventions%20refer%20to,tactics%20to%20achieve%20their%20goals